# XBIEHA U BARKA

## TAL-BEJATITUDINI TIEGĦU

## MONS. PATRI ALBERTU GORI, O.F.M.,

## PATRIJARKA TA' ĠERUSALEM.



*Inbierek b'qalbi kollha r-Rivista msejħa "Leħen L-Art Imqaddsa" u lilek Wisq Rev. Patri Kommissarju li kellek il-ħsieb sabiħ li toħroġha u lil dawk kollha li jgħinuk fiha u li jaqrawha.*

*P. ALBERTO GORI, O.F.M.,*

*Patrijarka ta' Ġerusalem.*

# L-ISTORJA TA' BETLEĦEM

*Min jista' jaf kemm kitba nkitbet fuq Betleħem minn meta twieled il-Bambin fiha sal-lum! Imma, b'dana kollu, naħseb jien, ma jkun ġara xejn jekk issa, li qorob il-Milied, nikteb jien ukoll xi ħaġa fuqha.*

### IL-BIDU U L-ISEM

Betleħem inbniet fuq għolja waħda, f'tarf ta' sinsla ta' għoljiet, ħamest imjiel bgħid minn Ġerusalemm, in-naħa tal-Lemin jew *Sud* tagħha. Meta u kif inbniet ħadd ma jaf, għax il-bidu tagħha mitluf qalb id-dlamijiet tal-qedem. Hija waħda mill-eqdem bliet tal-Palestina, u dawk li bnewha kienu ragħajja u bdiewa, għax tinsab f'naħa maħluqa għal din ix-xorta ta' nies. Għax minn naħa għandha art tajba għaż-żrigħ, kollha ħamrija, u minn naħa oħra fiha widien biż-żrar u ħaxix, tajba wisq għal mergħa ta' l-għânem u l-ifrât.

Min bniha semmieha Bet-Laħmu, jiġifieri: Dar ta' Laħmu. Dan *Laħmu* x'kien, jekk hux isem ta' xi alla tal-Kangħanin, li kellu l-maqdes tiegħu hemm, inkella laqam ta' xi raġel għani li bena hinnekk djar għalih u għal uliedu, ma tistax tkun taf. Tista' tkun il-ħaġa l-waħda jew l-oħra. Imma



**MISRAĦ BETLEĦEM**

**Il-wota ta' quddiem il-Bażilka tat-Twelid ta' Ġesù, f'Betleħem. L-ewwel kanpnar, fuq il-lemin u l-bini ta' taħtu, huma tal-Armeni. Il-kanpnar l-ieħor u bini ta' taħtu, tal-Griegi. Il-bieb żgħir li jidher quddiem, hu l-bieb tal-Bażilka tat-Twelid mibnija minn Santa Liena. Il-bieb kien imċekken darbtejn biex it-Torok ma jidħlux fil-Bażilka biż-żwiemel. Il-kanpnar u l-knisja, fuq ix-xellug, huma tal-Franġiskani. Is-siġar u 'l hawn minnhom, il-maqbra tal-Griegi.**

issa, li qegħdin ngħidu fuq l-isem, ta' min ifakkar kemm jagħmel ħażin min jikteb *Betlem,* għax ikun qiegħed ibiddlilha isimha, dak li kellha mill-antik.

### L-EWWEL TISMIJIET

Betleħem tissemma ħafna drabi fil-Bibbja u fil-kitba tal-Lhud, m'hux bħal Nazaret, li ma tissemma qatt u mkien. L-ewwel ma tissemma fi ġrajja ta' niket, fil-Ktieb tan-Nisel (kap. XXXV, v. 19) fejn jingħad kif lil Jagħkub metitlu l-mara, isimha Raħla, bil-ħlas, hemm qrib Betleħem, fi żmien ir-rebbiegħa. Lit-tifel li twieled semmieħ Benjamin u lill-mara difinha f'qabar fil-ġenb tat-triq u waqqaf ħaġra kbira fuqu. Dan il-qabar għadu hemm sal-lum.

Ġrajja oħra, imma ħelwa u ta' ferħ, m'hux ta' niket bħal dik, li fiha tissemma Betleħem, hija l-ġrajja ta' kif Ruth, armla żagħżugħa minn Mo-Ab, jiġifieri mit-Transġordanja, tgħarrset ma' Bu-Għożż, meta marret *issajjef,* jiġifieri tiġma' s-sbul minn wara l-ħassada tiegħu, fir-raba li kellu qrib Betleħem (Ruth, II, 13-22). Min-nisel ta' dawn twieled Isaj, missier David.

U kien ġewwa Betleħem ukoll li Samwel mar ifittex lil David, u sabu, u meshu biż-żejt immbierek, b'Melek jew Re tal-Lhud, għad li kien għadu naqra ta' tifel jirgħa l-għânem fil-widien (Samwel, XVI, 1-13). Jidher li Betleħem, għad li żgħira, kienet imsawwra, għax minn dak iż-żmien kien fiha bħal qorti, jew Ġemgħa tax-Xjuħ (v. 4).

Betleħem dak iż-żmien kienet għadha belt miftuħa, imma wara żmien, Raboam, bin Salamun, meta laħaq Melek, jiġifieri Re ta' Israel, kabbarha u qawwieha u dawwarha b'sur.

### L-AKBAR ĠRAJJA

Imma l-akbar ġrajja li ġrat ġewwa Betleħem kienet it-Twelid ta' Ġesù, min-nisel ta' David, li kien il-Messiha mwiegħed lill-poplu ta' Israel. Kif twieled ġewwa l-Ħân, jiġifieri kenn tal-barranin, u fin-naħa fejn kienu jżommu l-bhejjem, għax ma kienx



**IL-BAŻILKA TA' BETLEĦEM MINN ĠEWWA.**

Il-knisja waħdanija mill-knajjes kollha li Santa Liena bniet fil-Palestina li għadha wieqfa sal-lum.

Bnietha fis-sena 326 u wara li ġratilha xi ħsara, l-Imperatur Ġustinjanu sewwieha fis-sena 529.

Ir-rqajja li jidhru fuq il-ħitan huma fdal tal-mużajk ta' żmien is-Salibin jew "Crociati".

hemm wisa' għal Ommu fin-naħa tan-nies, jafu kulħadd.

Kif bdiet tissawwar il-Knisja Nisranija, bdew l-Insara Lhud ta' dawk l-inħawi, imorru jżuru l-Ħân fejn kien twieled l-Imgħallem tagħhom. Għal hekk l-Imperatur Adrijanu, qrib is-snin 138-140 W.K., biex jaqta' dawn iż-żjajjar ta' l-Insara, radam bit-torba u l-ħamrija ma' dwar il-Ħân u bnielu taraġ, hekk li safa taħt l-art donnu għar, u ħawwel is-siġar fuqu u ma' dwaru, u għamlu maqdes lill-alla ħażin Tammuż jew Adôn, il-maħbub ta' Astart. Imma dan dam għal ftit żmien, għax ftit fuq mitt sena wara, Oriġên (185-252 W.K.) kiteb li l-Insara kienu qegħdin jerġgħu jmorru jżuru l-Għar fejn twieled Ġesù, u li sa l-Pagani ta' dik in-naħa kienu jafu hemm ġewwa dak il-Għar Min kien twieled. San Ġustinu Martri, fit-Tieni Seklu isemmi dan il-Għar, u huwa waħdani fost l-Imkejjen Imqaddsa li huwa msemmi qabel ma d-Din Nisrani ssaħħaħ minn Kostantinu.

### ŻMIEN L-INSARA

Meta Kostantinu ħeles lid-Din Nisrani mill-moħqrija ta' l-għedewwa, ommu, Santa Liena marret il-Palestina, u għall-ħabta tas-sena 330 bniet knisja kbira u sabiħa fuq il-Għar. Din il-knisja, għad li hi msewwija u biċċa minnha mibdula, u min-naħa ta' barra mittiekla biż-żmien, għadha wieqfa sal-lum.

Meta nbniet dik il-knisja, ma' dwarha bdew jinbnew id-djura jew *kunventi* u jinmtlew bir-Rħieb. San Ġlôrmu mar hemm għal kollox fis-sena 384, u sentejn wara marret hemm waħda mara Rumana, Santa Pawla, li kellha ħafna ġid u ħadet magħha lil bintha Ewstokja, u bniet hemm dejr għan-nisa u għax-xebbiet, li jsiru raħbiet.

Bejn is-snin 520 u 530, is-Samrijin qamu tixwixa u telgħu lejn il-Ġudija, u fost bliet oħra, ħabtu wkoll għal Betleħem u għamlu ħafna ħsara fil-knisja tat-Twelid. Imma l-Imperatur Ġustinjanu raġa' sewwieha u bena mill-ġdid in-naħa ta' fuq il-Għar (dik il-biċċa li ftit ilu għedna li hi mibdula) għal ħabta tas-sena 532. Wara dak iż-żmien, u la l-Persin fis-sena 614 u an-



**IL-GĦAR TA' BETLEĦEM, MINN TARF SA TARF.**

**Quddiem ir-Raħeb li jidher għar-rkubtejh, hemm l-artal tal-Griegi, u taħtu l-Kewkba tal-fidda li turi l-imkien fejn twieled Ġesù. Wara r-raħeb, wieħed miż-żewġ turġien li jagħtu għall-Bażilka. Fil-lemin, wara l-kolonna, l-artal tal-Kattolki fejn kien il-Ħawt bit-tiben li ġewwa fih il-Madonna meddet lil binha Ġesù. Dal-Għar jinsab taħt il-Bażilka.**

qas il-Misilmin fis-sena 636, waqt il-ħrieb ma għamlu fil-knisja ebda ħsara.

#### TIBDIL TA' ĦAKMA

Fis-sena 1099 (disa' snin wara li l-Konti Ruggieru ġie Malta), is-Salibijin, dawk li bit-Taljan jgħidulhom *Crociati*, ħadu Betleħem. Talbuhom jiġu jeħduha l-għammâra tagħha, u daħlu fiha bil-lejl, u fil-għodu, il-bandiera tagħhom, bis-salib, sebħet tperper fuq il-bejt tal-knisja. Sentejn wara fil-lejl tal-Milied, Baldwin I kien imkellel, jew *inkoronat* ġewwa dik il-knisja.

Fis-sena 1187, Betleħem reġgħet waqgħet f'idejn il-Misilmin, imma bi ftehim bejn l-Imperatur tal-Ġermanja Federik II u Melek il-Kâmel, li kien sultan tal-Eġittu, reġgħet ġiet f'idejn l-Insara u damet għandhom sittax-il sena oħra, (mill-1228 sal-1244). Imbagħad il-Karismin ħadu Betleħem u ħarbtuha u keċċew lill-Insara minnha, imma l-knisja ta' fuq il-Għar ma messewhiex. Ftit snin wara r-Rhieb Franġiskani daħlu Betleħem, u għad li batew minn kollox, għadhom hemm sal-lum.



SURA TA' ĊESU' TARBIJA li fil-lejl tal-Milied jeħduha bil-purċissjoni mill-artal il-Kbir tal-knisja u jqegħduha ġewwa l-maxtura fil-Għar ta' Betlehem.

#### TIĊRIF U TAĦRIB

Fis-sena 1489, b'amar tas-Sultan ta' Kostantinopli kienu mġarrfa wkoll, sal-anqas ħaġra, is-sur ta' Betleħem u ż-żewġt ibraġ li kien għad kellha. U fis-snin ta' wara Betleħem sefet naqra ta' raħal, bi ftit nies foqra u magħkusin, li jgħixu kif jistgħu ġewwa ftit griebeġ.

Fl-aħħar nett, fis-sena 1831, il-Misilmin ta' Betleħem qamu tixwixa. Imma tliet snin wara, Ibraħim Paxa keċċiehom kollha minn hemm, u biex jaqta' ż-żarda, ġarraf id-djar kollha tal-ħâra tagħhom. Hekk ġewwa Betleħem baqgħu l-Insara biss, u minn dak iż-żmien il-belt bdiet ġejja 'l quddiem.

#### BETLEĦEM FI ŻMIENNA

Betleħem il-lum fiha ma' dwar elfejn dar, tal-ħaġar, il-kotra tagħhom bi *pjan* wieħed b'għorfa fuqhom, bħad-djar il-qodma tar-rħula ta' Malta. Issa mibnija fuq il-qobba ta' żewġ għoljiet, mhux fuq għolja waħda bħal ma kienet Betleħem l-ewlenija. Il-ġnub ta' dawn il-għoljiet magħmula ħbula-ħbula, wieħed fuq l-ieħor, bħal taraġ, u mdawwrin bil-ħitân tas-sejjieħ bħar-raba ta' Malta. Fihom hemm imħawwla siġar tat-tin,

tal-ħarrub, tal-lewż, tar-rummien, taż-żejtun u bajtar tax-xewk u dwieli. Fejn ir-raba wiesa', jinżra' qamħ u xgħir u kirsenna għall-iġmla (donnha żofżfa) u għads u ućuħ oħra li ma jeħtieġux tisqija.

L-aħħar għadd tan-nies li sar juri li Betleħem fiha 15,600 ruħ. Minn dawna Misilmin ma hemmx għajr 1,300, il-bkija kollha Nsara, Kattolki u mhux Kattolki. Fiha għadd ta' dura u skejjel, u ħafna drabi ma tul is-sena jsiru purċissjonijiet fit-toroq, drabi bil-*vara* wkoll. Ġie li jżejjnu xi ftit barra, bil-bandieri u bozoż, u karti miktuba: "Viva Sant'Antonio" u "Fel-Jeħja Mâr Anton". Bil-Vjatku joħorġu Raħeb u tifel. Ir-Raħeb iżomm il-Qorban imdendel f'għonqu, bl-ispellizza taħt il-mantell, u t-tifel jimxi quddiemu bil-fanal mixgħul f'idu l-waħda u qanpiena f'idu l-oħra, li kull erbgħa passi iċempilha ftit.

Din hija l-istorja ta' Betleħem fil-qasir. Naqra minn kull ħaġa, għax f'Rivista ma tistax tikteb fit-tul.

Fra Piet, O.F.M.

# DARBA KIEN HEMM.... XI ĦADD

(*Ħrejjef għas-Sahra tal-Milied*)

## 1. — KEMM IN-NIES JGĦAĠĠBUHA

Darba kien hemm Sultan u das-Sultan kien qiegħed jitkellem mal-Ważir. U l-kliem waqa' kemm in-nies jgħaġġbuha, jiġifieri jżidu l-kliem li jkunu semgħuh. Is-Sultan ma riedx jemmen u qal lil Wiżir jekk jistax iġarrablu dak li kien qiegħed jgħid.

"Inġarrablek, ja Sultan," qallu l-Ważir "kemm il-darba tħallini ngħid ħaġa żgħira fuq is-Sultana. Issa għandu jiġi bin ħâli jkellimni, u ngħidlu li s-Sultana biedet bajda. Imbagħad tara kif in-nies jgħidu li mhux bajda waħda biedet, imma ħafna bajd."

Ġie bin ħâl il-Ważir u qagħad ikellmu u s-Sultan kien mistoħbi jissamma'. Qallu "sa ngħidlek ħaġa u ara titkellem, għax is-Sultan ma jridx li n-nies ikunu jafuha. Is-Sultana biedet bajda, bħat-tiġieġ. Ara x'ħaġa!"

Dak mar lejn id-dar. Għajjat lill-mara u qalilha: "Taf xi smajt? Is-Sultana biedet bajdtejn, bħat-tiġieġ. Ara ma tgħidx lil xi ħadd, taf, għax is-Sultan ma jridhiex tixtered." Din marret għand ommha. "Mà" qaltilha. "Sa nafda kelma miegħek u ara tgħalini. Is-Sultana biedet tliet bajdiet. Sabuhomlha fil-friex, x'ħin qamet fil-għodu."

U l-aħbar baqgħet tiġri. Dak jgħid lil dik, dik tgħid lil dak, sa ma kien jaf il-pajjiż kollu. Fil-għaxija ġie raġel irid ikellem lis-Sultan, u talab lil tal-għassa jdaħħluh ikellmu.

Wara li fettxewlu u għarfuh sewwa, daħħluh quddiem is-Sultan fejn kien hemm ukoll il-Ważir. Baxxa rasu sa l-art u sellem lis-Sultan u qallu: "Ja Sultan, nagħli wisq li sa nagħtik aħbar ħażina, imma dan għamiltu biex tkun tista' tissewwa l-ħsara fil-waqt. In-nies qalu li s-Sultana l-lejl li għadda biedet mitt bajda, u sabuhomlha fil-friex."

"Saru mija, minn fil-għodu 'l hawn?" għajjat is-Sultan. "Le," qabeż ir-raġel, "Jien disa' u disgħin smajt, imma żidt waħda minn żniedi u għidt mija". Il-Ważir u s-Sultan bdew jidħku u s-Sultan qal lil Ważir: "Sewwa għedtli. Il-għafja lejk."